# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' April tas-sena 2001.**

**Numru 52**

**Avviz numru 1542/00/SM**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Spiridione Scicluna**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u tmienja u tmenin lira Maltin (LM888) rappresentanti import ta' tnax (12) il-kambjala ta' LM74-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Novembru 1999 sa Ottubru 2000 u mhux imhallsa, li qed jigu annessi bhala dokumenti bin-numri minn 1 sa 12.**

**Bl-imghax kummercjali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-26 ta' Ottubru 2000 jammontaw ghal LM42 oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Lulju 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta-socejta' attrici datata 3 t'April tas-sena 2001 li permezz taghha rriduciet il-pretensjoni taghha bis-somma ta' LM592 stante li thallsu fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 t'April tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**